

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

31.1.2007

0010/2007

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

impressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Elmar Brok, Nicole Fontaine, Bronislaw Geremek, Jo Leinen, u Iñigo Méndez de Vigo

dwar unjoni ta' politika barranija, ta' sigurta  u ta' difiża

Skadenza: 30.4.2007

**0010/2007**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar unjoni ta' politika barranija, ta' sigurta u ta' difiża**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. innota li għalkemm l-Unjoni Ewropea saret potenza kummerċjali, ekonomika u monetarja, għadha ma saritx potenza politika,
- B. huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha bilfors tiddetermina l-oġettiv, lil hinn mill-progress li diġà nkiseb, li ssir unjoni politika li tkun kapaċi jkollha sehem fil-mod kif qed jiġru l-affarijiet fid-dinja,
1. Jitlob li:
    - l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li tistabbilixxi unjoni ta' politika barranija, ta' sigurta u ta' difiża;
    - it-tnejn ta' din l-unjoni għandha tibda qabel it-tmiem ta' l-2007, u li d-deċiżjoni dwar il-ħolqien tagħha għandha tittieħed qabel l-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew fl-2009;
  2. Huwa tal-fehma li din għandha tinvolvi l-istrumenti li ġejjin:
    - ministru Ewropew għall-affarijiet barranin, viċi-president tal-Kummissjoni, mgħejjun minn servizz diplomatiku Ewropew u minn ministru deputat għad-difiża;
    - ambaxxati u konsolati integrati;
    - politika komuni ta' armamenti u finanzjament komuni tal-programmi;
    - forzi ta' difiża komuni li jagħtu lill-Unjoni Ewropea kapaċità vera għal azzjoni awtonoma;
  3. Huwa tal-fehma li l-unjoni politika għandha tkun imwaqqfa sa mhux aktar tard mill-2014;
  4. Huwa tal-fehma li l-proġett tat-Trattat Kostituzzjonali jirrappreżenta pass importanti f'din id-direzzjoni;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu li jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-isem tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.